# Il-Fortizza ta' Delimara

**Kitba ta' Rachel Debattista D.L.I.S (Melit.)**



Malta tinsab fiċ-ċentru tal-baħar Mediterran, jew kif isibuh bosta, il-benniena taċ-ċiviltà. Art imdawra bil-baħar, imżewqa b'bajjiet li minn dejjem kienu ta' kenn għall-baħħara, saħansitra ta' vantaġġ għall-flotot tal-barbari li kienu jħufu tul il-kosta ta' gżiritna sabiex jaħtfu li jiġi taħt idejhom. Għal tul ta' snin Malta serviet ta' bażi navali għal diversi snin u għalkemm ġiet assedjata diversi drabi, dejjem ħarġet ta' rebbieħa fuq l-għadu.

Wieħed jinnota li madwar il-portijiet ta' gżiritna naraw diversi fortifikazzjonijiet li nbnew minn qawwiet kbar li għal snin twal għammru fuq gżiritna. Dawn kollha b'xi mod jew ieħor raw kif għamlu biex isaħħu l-kosta ta' pajjiżna. Wieħed ma jistax ma jinnutax li Malta tgawdi mill-aħjar arkitettura militari li hawn fid-dinja, minn swar b'ħitan wesgħin li felħu kemm għall-balal tal-Ottomani, għall-fortizzi li ma ċedewx taħt l-attakki tal-għadu, kemm fil-ħbit mill-ajru u anke dak mill-baħar.

F'diversi kitbiet u pubblikazzjonijiet naraw li mal-wasla tal-Ingliżi ġewwa Malta, fil-bidu nett tas-seklu dsatax, raw kif għamlu sabiex isaħħu d-difiża tal-kosta u l-portijiet ta' gżiritna. Komplew jaħdmu fuq dak li bnew il-Kavillieri, u mmodernizzaw u saħħew is-swar, bnew fortizzi u ħafna binjiet oħra li taw spinta 'l quddiem fid-difiża, peress li kull ma jmur l-għadu ra x'jagħmel biex isaħħaħ l-armamenti, filwaqt li bena oħrajn aktar moderni u sofistikati.

Fis-sena 1873 il-kumitat tad-difiża Ngliża ppropona l-bini ta' fortizza oħra mal-kosta tan-naħa t'isfel ta' Malta, sabiex din tgħin lill-Fortizza ta' San Lucjan, mibnija ftit qabel, u b'hekk tkun tħares l-entratura tal-port ta' Marsaxlokk minn fuq il-ponta ta' Delimara. F'Jannar ta' 1876 beda x-xogħol fuq din il-Fortizza, liema bini tlesta f'Diċembru tal-1878, bl-ispiża tammonta għal madwar 22,353 sterlina.

Bħala binja ġiet mibnija taħt il-livell tal-art u l-parti li tidher mill-wiċċ għandha forma poligonali. Madwar il-forti tħaffer foss fil-blat u min-naħa tal-baħar li jħares fuq l-entratura tal-port ta' Marsaxlokk hemm l-irdum. Fin-naħat ta' fuq intramaw għaxar amberżuni magħmulin kollha minn ġebel u fihom tqegħdu l-aktar armamenti b'saħħithom ta' ġol-forti. Id-dawra ta' fuq tal-foss inħadmet imżerżqa u b'hekk kienet diffiċli li jkun hemm dħul fil-fortizza mill-għadu. Inbena wkoll parapett tal-ġebel madwar il-foss, u fuqu ntramaw azzarini bl-ingassa, ta' tip '32-pdr smooth-bore BL'. Sar ukoll stekkat magħmul minn kanen tal-ħadid biex jipproteġi u jsaħħaħ dan il-parapett.

Mal-faċċata tal-irdum inbnew diversi aperturi li kienu jservu ta' ventilazzjoni kif ukoll diversi passaġġi jinfdu minn wieħed għall-ieħor għal ġewwa l-fortizza, uħud minnhom jidhru mal-faċċata tal-irdum li jagħti fuq il-baħar. Fuq l-entratura dik prinċipali tal-fortizza kien inbena pont tal-marka 'Guthrie', li kien jitla' u jinżel b'sistema mekkanizzata titħaddem minn ġewwa l-forti. Fuq il-bieb tal-entratura ta' din il-parti ta' barra tal-fortizza, tpoġġiet plakka tal-ġebel bid-data 1881. Insibu li din id-data mhix is-sena meta ġiet ikkommissjonata l-fortizza imma s-sena li fiha tlestiet l-entratura prinċipali.

Ftit wara li tlesta l-bini tal-fortizza, fis-sena 1878, kien ġie propost mill-awtoritajiet Ingliżi li dawk l-inħawi ta' Malta jissaħħu tajjeb peress li l-ħbit kemm mill-baħar kif ukoll mill-ajru kienu jsiru minn dawn l-akwati, u b'hekk intalab li l-Fortizza ta' Delimara tiġi mgħammra b'sitt kanuni ta' 38 tunnellata tat-tip 'Mark I, 12.5 inch RMLs', b'tefgħa fit-tul ta' 6,000 jarda. Dawn il-kanuni kienu tpoġġew fl-amberżuni li kif semmejt fil-bidu jidhru mal-faċċata li tagħti fuq l-irdum. B'hekk ma kinux jagħtu fil-għajn u l-għadu qajla kien jobsor x'kien hemm lest għalih jekk ifettillu jersaq qrib u jattakka! Naraw li dawn il-kanuni maħdumin mill-



aqwa inġiniera Ngliżi kienu minn tal-bidu fix-xorta tagħhom, ta' qawwa liema bħalha, immuntati fuq karru u maħduma kollha tal-azzar. Kienu jisparaw projettili tal-ħadid, kienu jitħaddmu bl-idejn u kellhom sistema idrolika li malli jiġi sparat, il-kanun jersaq lura f'postu. Insibu ddokumentat li fl-imħażen li kienu nbnew fuq ġewwa tal-fortizza kien ikun hemm ħażna ta' 1510 bittija bil-porvli kif ukoll 400 bittija mimlija bl-iskrataċ.

Naraw li fis-sena 1888 sar tibdil ieħor fil-fortizza li kien jammonta £7,952, dan minħabba li l-artillerija tal-fortizza ma kienx baqa' effiċjenti, u għalhekk kien hemm bżonn li jinbidel f'wieħed aktar modern fejn din id-darba il-kanuni kienu saħansitra jwasslu sa 10,000 jarda. B'hekk fis-sena 1892 il-fortizza kienet armata b'kanun ġdid tat-tip '9.2-inch' tnejn ta' tip '6-inch BL, u tnejn oħra '5-inch'. Dawn il-kanuni kienu mmuntati wara ċint u jiġu elevati meta jinqala' l-użu tagħhom waqt il-ġlied, b'hekk ma kinux fil-mira tal-għadu minħabba li kienu jkunu moħbija wara parapett. Fis-sena 1906 kien ġie rrakkomandat li l-kanuni kollha, minbarra wieħed tat-tip '9.2-inch BL', jitneħħew u fl-istess sena tliet 'searchlights' tnaqqsu u tħalla wieħed biss.

Fil-bidu nett tas-seklu għoxrin il-fortizza bdiet tintuża bħala bażi navali. Għalkemm il-parti ta' fuq tal-forti kienet issa qdiemet, kienet żdiedet binja oħra fil-parti ta' fuq, b'forma kwadra li tiġi fuq il-grada tal-fortizza. Fis-sena 1956 insibu li l-Fortizza ta' Delimara tneżżgħet mill-maġġoranza tal-artillerija tagħha u ftit snin wara tista' tgħid li ġiet abbandunata kompletament għal tul ta' żmien.

Fis-sena 1975 il-Gvern Malti ta l-binja b'kirja lil bidwi mill-istess akwati sabiex irabbi l-majjali ġewwa fiha. Fis-snin twal li damet tintuża bħala razzett għat-trobbija tal-majjali, il-fortizza kienet tista' tgħid li spiċċat fi stat ħażin ħafna. Fis-sena 2005 il-Gvern talab li l-binja tiġi evakwata u b'hekk ingħatat f'idejn it-tmexxija ta' Heritage Malta. Il-fortizza nfetħet għall-pubbliku għal xi żmien qasir, ftit xhur kollox, iżda reġgħet ingħalqet.

Kienet saret il-mira tal-vandali, imma għalkemm il-binja minn barra tinsab f'kundizzjoni mhux daqstant ħażina, naraw li l-kmamar li jinsabu fil-wiċċ ta' fuq tal-fortizza huma fi stat ħażin ħafna. Diversi biċċiet mill-binja tista tgħid li tmermru u biċċiet oħra ċedew għall-qilla tar-riħ u r-raxx tal-baħar li jaħkem dawn l-inħawi. Infatti jekk wieħed jersaq qrib tal-foss tal-madwar, jinnota ħafna biċċiet tal-ġebel li tgerbu għal isfel, flimkien ma' ħaxix ħażin li trabba matul is-snin u ammont ta' żibel li ntefa' minn individwi bla ebda skrupli.

Il-Fortizza ta' Delimara dehret fuq il-gazzetta Ingliża 'The Graphic'. 'The Graphic', kienet ta' spiss twassal l-aħbarijiet b'mod illustrat bi stampi ħelwin tal-ħajja ta' kuljum tat-truppi Ingliżi li kienu mxerrdin ma' diversi nħawi tad-dinja. Fil-faċċata ta' quddiem tal-ħarġa tal-14 ta' Novembru 1885, din il-gazzetta illustrat tajjeb ġurnata minn ta' kuljum ta' wħud mis-sitta u tletin suldat Ingliż stazzjonati ġewwa l-fortizza ta' Delimara.

Interessanti l-fatt li wħud mill-produtturi barranin taċ-ċinema saħansitra għażlu l-Fortizza ta' Delimara bħala l-lokalità sabiex jinħadmu biċċiet mix-xeni ta' films, fost l-aktar popolari nsibu 'Assassin's Creed'. Ma nistax ma nsemmix li ġewwa l-Fortizza ta' Delimara għad fadal erba' minn erbatax-il kanun ta' '38 ton muzzle-loading guns', kif spjegajt aktar kmieni f'din il-kitba, u għadhom immuntati sal-lum fuq il-karrijiet.

Saru diversi tentattivi minn NGO's lokali u nkitbu diversi artikli minn Maltin u barranin li ppruvaw iqajmu kuxjenza mal-Awtoritajiet Maltin sabiex tinstab soluzzjoni u jintlaħaq ftehim li jwassal għal restawr tal-fortizza. Il-finanzi huma waħda mill-akbar intoppi sabiex l-Awtoritajiet Maltin jieħdu azzjoni u b'hekk naraw li s'issa mhux ċar x'ser isir mill-Fortizza ta' Delimara. Kif jgħid il-proverbju Malti, 'il-baħar żaqqu ratba u rasu iebsa' u ħafna jbassru li l-irdum iċedi għall-qilla tal-mewġ qawwi li jaħkem din in-naħa ta' Malta u l-Fortizza ta' Delimara tibqa' biss memorji fil-kotba.



Referenzi
Fort Delimara. (n.d.). Instab mill-ġdid 22 ta' March 2019, minn Wikipedia: https://en.wikipedia.org/wiki/Fort_Delimarażcite_note-5
Fortifications. (n.d.). Instab mill-ġdid 22 ta' March 2019, minn Maltese history and heritage: https://vassallohistory.wordpress.com/fortifications/
Hughes, Q., & Bonnici, T. (1993). Malta : A guide to the fortifications. Valletta: Said International.
Rare chances t. (24 ta' January 2019). Instab mill-ġdid 22 ta' March 2019, minn Bay News: https://bay.com.mt/rare-chance-to-see-inside-one-of-maltas-historic-forts/
Spiteri, S. (2017). A visual guide to the fortifications of Malta. San Gwann: BDL.
Times of Malta. (5 ta' May 2010). Instab mill-ġdid 22 ta' March 2019, minn NGO comes forward to save Fort Delimara: https://www.timesofmalta.com/articles/view/20100205/local/ngo-comes-forward-to-save-fort-delimara.292768
Vassallo. (n.d.). Fortifications. Instab mill-ġdid 22 ta' March 2019, minn Maltese history and fotifications:https://vassallohistory.wordpress.com/fortifications/
'We chose Malta .. (9 ta' May 2017). Instab mill-ġdid 22 ta' March 2019, minn TVM: https://www.tvm.com.mt/en/news/we-chose-malta-for-assassins-creed-filming-after-touring-the-whole-of-europe
Zammit, V. (1999). Is-swar u l-fortifikazzjonijiet. (Kullana kulturali / Charles Briffa, editur generali 9). Pieta: Pubblikazzjonijiet Indipendenza.





## L-Għaqda tan-Nar 25 ta' Novembru taż-Żejtun, rebbieħa tal-Malta International Fireworks Festival



Is-Soċjetà Mużikali Beland tifraħ mill-qalb lill-Għaqda tan-Nar 25 ta' Novembru taż-Żejtun għall-unur miksub u mistħoqq bħala Rebbieħa, bil-premju fl-Ewwel Post, fil-'Malta International Fireworks Festival' li ġie mogħti nhar it-Tlieta 30 t'April, 2019. Numru sabiħ ta' membri u partitarji tas-Soċjetà Beland kienu preżenti għal dan l-ispettaklu ta' nar tal-ajru sinkronizzat mal-mużika ġewwa l-Imqabba biex jagħtu l-appoġġ tagħhom lil din l-Għaqda Żejtunija.




Nirringrazzjaw lill-membri ta' din l-Għaqda għas-sagrifiċċji li jagħmlu matul is-sena sabiex matul il-Festa taż-Żejtun ikollna spettakli pirotekniċi mill-aqwa. Għamiltu lil Beltna Kburija!